MARL

MALTA

Fuljett maħruġ mill-MARL
Għad-Dilettanti tar-Radju
Maltin u Għawdxin

Numru 39

Ġunju 2009

Fiċ-Ċentru mhux

permess tipjip

Mill-Editur

Ħbieb,
Nilqagħkom għal ħarġa oħra ta' dan il-fuljett ta' Mejju 2009 li hija id-39 ħarġa ta' din is-sensiela.

Kif stajtu taraw fil-ħarġiet ta' qabel ta' dan il-Fuljett, il-**MARL** għaddejja b'attivitajiet fil-pubbliku li huma ta' siwi għad-delizzju tagħna biex il-pubbliku jkun jaf dwar il-**MARL** kif ukoll dwar id-delizzju tagħna.

Dan iservi wkoll ta' taħriġ għall-istess membri li jieħdu sehem f'dawn l-attivitajiet dwar ix-xogħol li jkun irid isir biex jarmaw malajr u kif l-apparat jaħdem fuq barra jekk Alla ħares qatt jinqala' xi aċċident u jkollhom ħtieġa li jarmaw barra d-dar tagħhom.

L-aħħar żewġ attivitajiet li saru kien is-sehem tal-**MARL** fil-**Wirja tar-Rebbiegħa** fil-**Ġnien ta' Sant'Anton,** liema wirja nżammet nhar is-Sibt 2 ta' Mejju u nhar il-Ħadd 3 ta' Mejju u li diġa' għamilt referenza għaliha fil-fuljett ta' qabel, kif ukoll waqt attivita' militari li ġiet imtella mill-**Kunsill Lokali ta' l-Mtarfa** li nżammet nhar il-Ħadd 17 ta' Mejju. Għalhekk illum għandkom ftit ritratti ta' dawn iż-żewġ attivitajiet.

Infakkar li fit-tielet tmien il-ġimgħa fix-xahar ta' Awissu ikun hemm l-attivita' tal-fanali u l-vapuri tal-fanali. Din mhijiex kompetizzjoni, imma kull min jieħu sehem f'din l-attivita' jaħdem kemm jista' fanali jew vapuri tal-fanali minn madwar id-dinja.

Infakkar li min jieħu sehem irid ikun jew fil-fanal innifsu jew mhux aktar minn ċerta' distanza mill-fanal. Hawn Malta hemm il-Fanal ta' **Dellimara**, il-Fanal fuq il-**breakwater** u l-Fanal tal-**Ġordan**.

Aktar dettalji fil-ħarġa li jmiss ta' dan il-fuljett, imma dawk kollha li jħobbu jaħdmu minn barra id-dar tagħhom u jixtiequ jieħdu sehem għandhom jaħsbu minn issa u jippreparaw kollox minn issa.

Kif għedtilkom fl-aħħar ħarġa, hemm grupp ta' dilettanti tar-radju li qed jarmaw numru ta' antenni u affarijiet oħra biex jaħdmu minn barra. Min jixtieq jgħin kemm materjalment u fiżikament merħba bih.

Bħal dejjem, nittama li l-informazzjoni fil-fuljett issibuha siewja għalikom u jekk ikollkom xi artiklu jekk jogħġobkom ħalluh fil-kaxxa tal-**QSL** tiegħi jew tistgħu tibgħatuha fuq l'e-mail tiegħi **9h1av at searchmalta dot com**.

Lawrence
9H1AV/9H9MHR

Ritratti waqt l-attivita' mill-Mtarfa

Il-**MARL** ħadet sehem fl-attivita' **Jum Militari** li ġiet organizzata fl-**Mtarfa** nhar il-Ħadd 17 ta' Mejju 2009.

L-ewwel nett tajjeb li ngħidu li l-**Mtarfa** kienet ċentru fejn kienu joqgħodu numru ta' familji tas-Servizzi Ingliżi u minn dan il-post wieħed għandu veduti tassew sbieħ barra li kienu jkunu għall-kwiet fost il-kampanja.

Għalkemm illum hemm ħafna aktar bini, xorta waħda il-post għadu aktar kwiet minn postijiet oħra f'Malta.

Fl-**Mtarfa** kien hemm ukoll **Sptar** tas-Servizzi Ingliżi kif ukoll in-**NAAFI** minn fejn il-membri tas-Servizzi Ingliżi kienu jistgħu jixtru l-affarijiet mingħajr ma kienu jħallsu dazju. Kien hemm ukoll it-trasmettitur tal-**VHF** magħruf bħala **BFBS** għal British Forces Broadcasting Services u huwa wieħed mill-aħjar postijiet għat-trasmissjoni.

Fil-fatt, ir-ripetitur **R6** **9H1BBS** li huwa mqabbad ma' l-internet bl-echolink jinsab f'dan il-post u f'wieħed mir-ritratti jidhru l-antenni tiegħu.

Għalhekk ma setgħax jonqos li din l-attivita' organizzata mill-**Kunsill Lokali** ta' l-**Mtarfa** kienet marbuta ma' wirja militari li fiha ħadu sehem il-Forzi Armati ta' Malta li ġabu numru ta' apparat kif ukoll vetturi militari anki antiki li kienu jintużaw fi żmien il-gwerra.

Għal din l-okkażjoni, numru ta' dilettanti tal-**MARL** bdew jarmaw mill-jum ta' qabel l-antenni u l-apparat tar-radju fejn għamlu dipoli għal frekwenzi differenti baxxi **ĦF** imqabbad b'fil koassjali wieħed.

Għamlu wkoll dipol għall-frekwenzi **24**, **15** u **10** metri li kien imwaħħal fuq it-torri ta' l-arloġġ liema torri huwa għoli **34 metru**.

9H1ES, **Fortunato** bħas-soltu tella xi apparat tar-radju militari u kellu dak magħruf bħala **Sett 19** u **RT-77/GRC-9** li jaħdem kemm bil-batteriji kif ukoll permezz ta' ġeneratur li jitħaddem bl-idejn. L-apparat kollu kien qiegħed jaħdem minkejja li huwa antik ħafna.

Kien hemm numru ta' dilettanti tar-radju li telgħu għal xi ħin u anki kien hemm nies oħra li bdew jistaqsu dwar id-delizzju tagħna, fosthom tfal li għamlu ħafna mistoqsijiet u dehru li interessaw ruħhom.

Attivitajiet bħal dawn iservu ta' reklam tajjeb għall-**MARL** u għad-delizzju tagħna u kull min ikun jaf li tkun se ssir xi attivita' bħal din jew attivita' oħra li l-**MARL** tkun tista' tieħu sehem fiha jekk jogħġbu jgħarrafna minn kmieni ħalli nkunu nistgħu nagħmlu l-arranġament meħtieġa.

Hawnhekk tajjeb li nroddu ħajr lis-**Sindku tal-Marfa** u l-**Kunsill Lokali** u lil dawk kollha għall-appoġġ u l-għajnuna li huma tawna biex stajna bħala **MARL** nieħdu sehem f'din l-attivita' u nittamaw li jkollna aktar okkażjonijiet bħal dawn.

Illum se nagħtikom ftit ritratti ta' din l-attivita' waqt li fil-ħarġa tal-Fuljett li jmiss se nkompli nagħtikom aktar ritratti interessanti anki dwar l-arloġġ innifsu li m'għandix dubju sejrin jinteressawkom.



Żewġ dipoli bil-fil koassjali wieħed **Id-dipol idur fuq nett tat-Torri**

Żewġ dipoli bil-fil koassjali wieħed **Id-dipol idur fuq nett tat-Torri**

Fin-nofs tar-ritratt jidhru l-antenni ta' 9H1BBS bejn iż-żewġ torrijiet



Dipol idur

Sett 19 antik komplut b’9H1ES Fortunato

quddiem 9H1ES, 9H1VW idawwar il-ġeneratur
9H1PI u 9H1LR Ray fuq wara



9H1PI u 9H1ZZ

9H1PI jitkellem

9H1XE, 9H1AQ 9H1AJ 9H1VW

Kien hemm min staqsa dwar ir-ritratti li huma xi ftit żgħar u li forsi jekk ikunu ikbar ikunu iktar dettaljati. Il-problema hija biex ma jkollniex Fuljett twil b’ħafna paġni. Min irid m’għandux ikollu diffikulta’ għaliex jista’ jikkopja r-ritratti fuq dokument word u jkun jista’ jkabbarhom u jċekkinhom kemm irid u anki jekk ikun irid iżid jew inaqqas id-dawl, il-kuntratt u l-kulur skond kif jixtieq. Ritratti ta’ 9H1AV

Lawrence
9H1AV/9H9MHR

Eżamijiet għal-Liċenzja ta' Dilettant tar-Radio

Is-Segretarju jixtieq javża li l-Malta Amateur Radio League (**MARL**) sejra tagħmel l-eżamijiet biex wieħed ikun jista' jikseb liċenzja ta' dilettant tar-radju fiċ-Ċentru tagħha fi Triq Notabile, Ħ'Attard, nhar is-**Sibt 27 ta' Ġunju 2009**.

L-eżami huwa f'żewġ partijiet: **Bil-Kitba** (mid-9 a.m. sal-11.15 a.m.) u (**prattika**) kodiċi Morse min-12.00 sas-1.00 p.m. L-eżami tal-kitba jiswa **€35** waqt li tal-kodiċi Morse jiswa **€7**.

Ninfurmawkom li jekk il-kandidati jispiċċaw l-eżami tal-kitba qabel il-ħin mogħti, l-eżami tal-kodiċi Morse jista' jibda qabel il-ħin imħabbar u għalhekk jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm ftit qabel.

Applikazzjonijiet għandhom isiru sa' nhar il-**Ħadd 21 ta' Ġunju**. Ġibu magħkom kopja tal-Karta ta' Identita' bil-kulur miż-żewġ naħat u fuq l-applikazzjoni iktbu wkoll in-numru tat-telefon mobbli u l-indirizz tal-posta elettronika tagħkom.

Għal aktar informazzjoni ċemplu lis-Segretarju fuq **7943 7808** jew posta elettronika lil **ivan.privitera at gmail.com** jew personalment fiċ-Ċentru tal-**MARL** nhar ta' **Tlieta** u nhar ta' **Ħamis** mis-6.00 p.m. sat-8.00 p.m. u nhar ta' **Ħadd** mill-10.0 a.m. sa 12.00.

Ivan Privitera
9H1PI

Batteriji taċ-Ċomb u Aċidu

Kul dilettant tar-radju huwa ċertament familjari ma dawn il-batteriji, kemm jekk huma miftuħa jiggassjaw, magħluqa jew anki bl-aċidu tagħhom forma ta' ġeli. Kollha huma msejsa fuq l-istess reazzjonijiet elettro-kimiċi li ġew magħrufa xi 150 sena ilu.

Madankollu, il-karatteristiċi tar-rata ta' l-ikkargar/skargar ta' batterija moderna huma dipendenti fuq il-binja fiżika tal-pjanċi u s-separaturi. Bażikament, dawn il-batteriji ġew maħduma bil-massa għal żewġ applikazzjonijiet differenti:

- Biex tqabbad il-magna tal-karozza, Dwal u għall-iSpark, (bl-Ingliż SLI), li jissodisfaw it-talba għal kurrent qawwi f'daqqa. Kif juri isimha, hija tajba għall-użu fil-karozzi.
- Skargar fit-tul, li jissodisfa t-talba għal-kapaċita' ta' skargar kontinwu fit-tul. Din hija ġeneralment użata għal vetturi elettriċi (tal-golf, fork-lifters, eċċ)

Kif kixfu ħafna, il-batterija normali tal-karozza ma tittolerax li tiġi skargata. Hija ma terġax tikkarga għal kollox u titlef iż-żamma tal-karga. Sakemm m'intix lestli tixtri batterija ġdida, tippruvax tkompli tqabbad maġna ta' karozza li ma tkunx trid taqbad sakemm l-ISTARTER ma jkunx jista' jdur iżjed.

L-istess, il-batteriji għal skargar fit-tul ma jittolerawx skargar ta' kurrent qawwi (ipprova li ma tixxurtjax it-terminali).

Għalhekk oqgħod attent jekk inti tħaddem is-sett mobbli tiegħek fuq il-batterija tal-karozza li qatt ma tħalli li l-vultaġġ fuq it-terminali jinżel aktar minn 11.8 volt.

Radd il-ħajr lil **9H1ZZ, Robin** għal dan l-artikolu.

Vultaġġi għal apparat modern

Jekk wieħed kellu jqabbel il-piż ta' apparat antik mal-piż ta' apparat modern bħal ma huma kompjuters u affarijiet oħra isib li l-apparat modern jiżen ħafna inqas minn apparat antik.

Barra li qabel kollox kien maħdum bil-ħadid, aluminju u metalli oħra eħxen u għalhekk kienu jkunu itqal, illum anki l-vultaġġi huma inqas, imma fl-istess waqt jieħdu kurrent qawwi li huwa meħtieġ għalihom.

Jekk wieħed kellu jara kif kienu jinkisbu l-vultaġġi u l-kurrent meħtieġ kien isib trasformatur li jkun kbir skond is-saħħa li jkun jeħtieġ l-apparat, imma li f'ħafna każi kien ikun ta' daqs kbir, dawk imsejħa laminazzjonijiet, (bl-Ingliż"laminations"), jiġifieri pjanċi irqaq magħmulin mill-ħadid u isolati minn xulxin kif ukoll il-fili tar-ramm li bilfors iridu jintużaw.

Il-ħxuna tal-laminazzjonijiet tiddependi fuq in-numru tagħhom li jiddependi fuq il-frekwenza tal-kurrent elettriku waqt li l-ħxuna tal-fili dejjem tiddependi fuq il-vultaġġi u l-kurrent li jkun meħtieġ li dak it-trasformatur kien irid jagħti biex l-apparat ikun jista' jitħaddem kif ukoll iżjed minn hekk ħalli it-trasformatur u l-bqija taċ-ċirkwiti meħtieġa, (bl-Ingliż imsejħa "power supply"), ikollhom fattur ta' sigurta' (safety engineering factor) u ma jinħarqux għaliex it-talba għall-kurrent tkun akbar milli jkunu jistgħu jagħtu huma.

Kif għedt aktar qabel, illum l-apparat ma jiżenx daqs dak ta' qabel u dan kemm għal raġunijiet li l-iżviluppi li saru jfisser li biċ-ċirkwiti integrati li tant ġew żviluppati li jistgħu jitqiegħdu miljuni ta' transistori fuq, bħala eżempju, arja ta'nofs pulzier kwadru, waqt li anki kif jinkisbu l-vultaġġi meħtieġa saret sistema differenti.

Is-sistema ta' qabel kienet li kien ikun hemm trasformatur li jagħti l-vultaġġi u rettifikaturi li jaqilbu l-vultaġġ minn kurrent li jinbidel għal kurrent dirett (**A.C.** għal **D.C.**), kondensaturi li jiffiltraw il-vultaġġ ħalli jneħħu l-varjazzjonijiet tal-vultaġġ **A.C.** u xi ċirkwiti oħra li kienu jkunu meħtieġa, bħala eżempju stabilizzaturi tal-vultaġġ.

Kien hemm raġuni oħra għalfejn it-transformaturi u l-kondensaturi kienu jkunu kbar. Dan minħabba li l-frekwenza tal-vultaġġ **A.C.** hija, fil-każ ta' Malta, **50 Hz** għalkemm qabel kienet ta' **100 Hz**. Kien hemm ukoll postijiet fejn fis-servizz kienu jintużaw ukoll **400 Hz** u anki **800 Hz** għal apparat bħal ma kien ir-radar, imma is-sistema pubblika kienet ta' **100 Hz** jew **50 Hz**. Pajjiżi oħra bħall-Amerika jużaw **60 Hz**.

Għaldaqstant, it-transformaturi kien ikollhom ħtieġa ta' aktar materjal waqt li l-kondensaturi kien ikollhom aktar xogħol x'jagħmlu minħabba li jekk tuża rettifikazzjoni ta' nofs mewġa jkollok tiffiltra **50 Hz** biex tneħħi l-varjazzjonijiet tal-vultaġġ meta taqilbu għal kurrent dirett (**D.C.**).

Fil-każ li tuża rettifikazzjoni tal-mewġa kollha jkollok tiffiltra **100 Hz** biex tneħħi l-varjazzjonijiet tal-vultaġġ meta taqilbu għal kurrent dirett (**D.C.**).

Illum hemm sistema fejn permezz ta' ċirkwiti apposta il-frekwenza tittella għal **40 kHz** jew **50 kHz** u b'hekk kemm it-transformaturi kif ukoll komponenti oħra bħal ma huma l-kondensaturi jistgħu jkunu żgħar ħafna iktar milli kieku jkunu qegħdin jintużaw fuq **50 Hz** jew **60 Hz** kif kienu qabel.

B'hekk, kemm il-materjal kif ukoll l-ispiża tkun iżgħar milli kieku tibqa' tintuża s-sistema ta' qabel u l-apparat jista' jiġi magħmul mhux biss eħfef imma anki bi spejjeż inqas minn qabel u b'hekk ikun jista' jinxtara minn aktar nies.

Dan ma jfissirx li l-apparat kollu qiegħed isir hekk, għaliex hemm limitazzjonijiet speċjalment fejn tidħol il-ħtieġa ta' apparat ta' saħħa kbira, għalkemm illum hemm minn dan l-apparat anki ta' 1 Kw.

Dawn is-sistema huma magħrufa (bl-Ingliż) bħala Switch Mode Power Supplies (**SMPS**) u anki konvertituri **DC** għal **DC** u hija tassew interessanti dwar kif taħdem u hija wżati f'ħafna apparat, anki ta' dilettanti tar-radju.

Għalhekk, nissuġġerixxi li kull min huwa interessat, u nemmen li kull dilettant tar-radju għandu jkun interessat, jista' jmur fuq din il-ħolqa ta' l-internet fejn hemm tifsira tajba kompluta bir-ritratti dwar kif dan l-apparat jaħdem.

Il-ħolqa hija **http://www.hardwaresecrets.com/article/327**

Lawrence
9H1AV/9H9MHR

Fiera tar-Rebbiegħa fil-Ġnien ta' Sant'Anton

9H1SF Steve G3TZM/9H3BX William u l'XYL

9H1JM Joe 9H1ES Fortunato 9H1ZZ Robin

9H1AJ Joe 9H1ES Fortunato 9H1ZZ Robin

9H1XE Edwin

Ix-Xemx u t-Tikek Tagħha

Id-dilettanti tar-radju kollha jafu dwar ix-xemx u t-tikek tagħha li jaffettwaw il-propagazzjoni fuq il-mewġ qasir. Jafu wkoll dwar kif f'ċerti waqtiet joħorġu ilsna tan-nar jew vampi li huma splużjonijiet li jaffettwaw ukoll il-propagazzjoni kif ukoll jagħmlu ċerti effetti fuq id-dinja u kull apparat elettriku u elettroniku.

Kull min studja ftit il-propagazzjoni u speċjalment id-dilettanti tar-radju jafu wkoll li t-tbajja fuq wiċċ ix-xemx jgħaddu minn Ċiklu ta' madwar ħdax-il sena fejn in-numru tagħhom jitla' għal massimu u jerġa' jinżel għall-inqas numru, xi waqtiet ma jkun hemm l-ebda tebgħa, u wara jerġa' jitla għal massimu.

Għaldaqstant, illum se nagħtikom ftit informazzjoni dwar iċ-Ċiklu li jmiss li huwa Ċiklu 24 li jiena niżżilt minn fuq il-paġna ta' l-internet tan-NASA.

Skond l-esperti tan-NOAA li għadhom kif għamlu tbassir ġdid, iċ-Ċiklu 24 se jilħaq il-quċċata tiegħu f'Mejju 2013.

Huma qalu li jekk it-tbassir tagħhom huwa tajjeb, iċ-Ċiklu jilħaq numru ta' tbajja ta' 90, l-inqas numru ta' kull ċiklu sa mill-1928 meta ċ-Ċiklu 16 kellu 78 tebgħa. Dan qalu iċ-ċhairman Doug Biesecker tan-NOAA Space Weather Prediction Centre.

Huwa qal li hemm it-tentazzjoni li dan jissejjah batut jew mhux qawwi, imma dik tista' tagħti impressjoni ħażina.

(Fuq ix-xellug għandkom vampa ikkawżata minn splużjoni fuq wiċċ ix-Xemx kif maqbuda mis-satellita GEOS 13 tan-NOAA f'Diċembru 2006.)

Huwa kompla jgħid li "anki jekk iċ-Ċiklu jkun inqas mill-medja jista' jagħmel temp spazjali qawwi ħafna. Il-maltempata geomanjetika qawwija ta' l-1850, bħala eżempju, ġrat matul Ċiklu tax-Xemx li kien bejn wieħed u ieħor daqs dak li qed inbassru għall-2013".

Il-maltempata ta' l-1859 – magħrufa bħala l-"Ġrajja Carrington" wara l-astronomu Richard Carrington li ra il-vampa tax-Xemx – iddaħħal l-elettriku fil-fili tat-trasmissjoni, qabbdet l-uffiċċji telegrafiċi, u għamlet id-Dwal tat-Tramuntata (Aurora) tant qawwija li n-nies setgħu jaqraw il-gazzetti bid-dija ħamra u ħadra tagħhom.

Rapport li għadu kif ħareġ mill-Akkademja Nazzjonali tax-Xjenza sab li jekk maltempata bħalha ssir illum, hija tista' tagħmel bejn **$1** sa **$2 triljuni** fi ħsarat lill-istruttura ta' teknoloġija għolja tas-soċjeta' u tkun teħtieġ bejn erbgħa u għaxar snin biex tiġi rkuprata. Bħala tqabbil, l-Urugan Katrina ikkawża "biss" **$80** sa **$125 biljun** fi ħsarat.

L-aħħar tbassir ibiddel it-tbassir ta' qabel li ħareġ fl-2007. Dak iż-żmien kien hemm qasma kbira fil-panew ta' esperti li kienu jaħsbu li l-minimu taċ-Ċiklu kien se jkun f'Marzu 2008 u wara jiġi massimu qawwi tax-Xemx fl-2011, jew massimu tax-Xemx batut fl-2012. Mudelli taw riżultati differenti bejniethom u l-fittiexa kienu ħerqana biex ix-Xemx tikxef liema kienu t-tajba.



Din il-grafika fuq turi n-numru ta' tbajja tax-Xemx imkejla matul il-quċċata ta' l-aħħar Ċiklu murija bil-kulur blu u dik imbassra għall-quċċata taċ-Ċiklu li jmiss murija bl-aħmar. Il-kreditu għal din il-grafika huwa taċ-Ċentru ta' Tbassir tat-Temp ta' l-Ispazju **NOAA**.

"Sibna li l-ebda wieħed mill-mudelli kien għal kollox tajjeb" qal Dean Pesnell taċ-Ċentru tat-Titjir Spazjali Goddard li huwa ir-rappreżentant ewlieni tan-**NASA** fuq il-panew. "Ix-Xemx qed taġixxi b'mod mhux mistenni u tassew interessanti".



Hawn fuq hawn grafika tal-medja fis-sena tan-numru ta' tbajja tax-Xemx mill-1610 sa' l-2008. Il-fittiexa jemmnu li ċ-Ċiklu tax-Xemx 24 li jmiss se jkun bħaċ-Ċiklu li laħaq il-quċċata tiegħu fl-1928, immarkat bi vleġġa **ħamra**. Kreditu: **NASA/MSFC**

Il-fittiexa ilhom jafu sa minn nofs is-snin 1800 dwar iċ-Ċiklu tax-Xemx. Grafika tan-numru ta' tbajja tax-Xemx jidhru qishom tlajja u nżul, jitilgħu u jinżlu fuq perjodu ta' madwar 11-il sena.

Ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jidhru bħala forma regolari, imma t-tbassir tal-qċaċet u widien huwa problematiku. Iċ-Ċikli jvarjaw minn 9 sa 14-il sena. Xi qċaċet huma għola, oħrajn baxxi. Il-widien huma sikwit qosra, idumu xi sentejn, imma xi minn daqqiet itulu ħafna iktar.

Fis-seklu 17 ix-Xemx waqgħet f'perjodu ta' 70 sena mingħajr tbajja magħruf bħala l-**Minimu Maunder** li għadu jħawwad lix-xjenzati.

Bħalissa, iċ-Ċiklu tax-Xemx huwa f'wied (isfel) – l-aktar parti fonda tas-seklu li għadda. Fl-2008 u fl-2009, ix-Xemx laħqet l-inqas numru ta' tbajja tax-Xemx, riħ tax-Xemx dgħajjef, u irradjazzjoni tax-Xemx baxxa fl-era spazjali. Għaddew aktar minn sentejn mingħajr vampa tax-Xemx sinjifikattiva.

"Fil-karrieri professjonali tagħna, aħna qatt ma rajna ħaġa bħal din," jgħid Pesnall. "Il-minimu tax-Xemx dam ħafna aktar mid-data imbassra fl-2007."

Fix-xhur li għadhom kif għaddew, madankollu, ix-Xemx bdiet turi ftit sinjali ta' ħajja. Tbajja żgħar u il-"bidu ta' tbajja" qed jidhru bi frekwenza dejjem tiżdied. Kurrenti enormi ta' plasma fuq wiċċ ix-Xemx ("imxija żonali") qed jiksbu s-saħħa u bil-mod jimxu lejn l-ekwatur tax-Xemx.

Astronomi tar-radju indunaw b'żieda żgħira imma sinjifikanti fl-ħruġ ta' mewġ tar-radju. Dawn l-affarijiet kollha huma l-ħabbara tal-qawmien taċ-Ċiklu 24 u jiffurmaw sisien għall-ħsibijiet ġodda tal-panew, kważi tbassir unanimu.

Skond it-tbassir, ix-Xemx għandha ġeneralment tibqa' kalma għal mill-inqas sena oħra. Min punt ta' tiftix, dawn huma aħbarijiet tajba għaliex il-minimu tax-Xemx ġie ippruvat li huwa aktar interessanti milli qatt wieħed immaġina.

Attivita' xemxija baxxa għandha effett kbir ħafna fuq l-atmosfera Dinjija, tħalliha tiksaħ u ttiċkien.

Irmixk spazjali jinġabar fl-orbitu tad-Dinja għaliex ikun hemm inqas tkarkir aerodinamiku.

Ir-riħ xemxi ikkalmat iqajjem inqas maltempati manjetiċi madwar il-poli tad-Dinja.

Raġġi kosmiċi li normalment huma imbuttati lura bir-riħ xemxi minflok jidħlu fl-ambjent viċin id-Dinja.

Hemm effetti oħra wkoll li jistgħu jiġu studjati biss sakemm ix-xemx tibqa' kwieta.

Sadanittant, ix-xemx ma tantx tagħti każ għal kumitati tan-nies. Il-panew jagħrfu li jista' jkun hemm aktar sorpriżi, u aktar tibdil fit-tbassir.

"Ippjanaw u immarkaw il-kalendarju għal Mejju 2013" jgħid Pesnell. "Imma użaw lapes."

Lawrence
9H1AV/9H9MHR

Nominattivi Ġodda fil-Portugall

Mill-1 ta' Ġunju fil-Portugall qed jintużaw nominattivi ġodda għad-dilettanti tar-radju ġodda li juru il-klassi tal-liċenzja ta' l-istazzjon.

Dawn huma **CT7** għall-**Portugall**, **CT8** għall-**Gżejjer Ażores**, u **CT9** għal **Madeira**. In-nominattivi għan-novizzi jibdew **CS7** għall-**Portugall**, **CS8** għall-**Gżejjer Ażores** u **CS9** għal **Madeira**. Dawn huma msejħa wkoll **Klassi Ġdida 1** u **Klassi Ġdida 2**.

Klassi Ġdida imsejħa **Klassi 3**, se jkollha **CR7** għall-**Portugall**, **CR8** għall-**Gżejjer Ażores** u **CR9** għal **Madeira**.

Dilettanti tar-radju li ilhom bil-liċenzja jiftakru li dawn il-prefissi qabel kienu jintużaw minn **Możambique**, **Indja tal-Portugall**, u **Makaw**.

In-nominattivi li diġa' jintużaw se jinqgħu l-istess u bħala eżempju, **CU1** sa **CU9** huma tal-**Gżejjer Ażores**. **CR1**, **CR2** u **CR8** se jkunu għal stazzjoni ta' ġrajjiet speċjali u nominattivi għall-kompetizzjonijiet.

7MHz

Kulħadd jaf li minn Marzu ta' din is-sena, il-firxa tal-frekwenzi allokati għad-dilettanti tar-radju fuq is-**7MHz** ġiet imkabbra minn **7MHz** sa **7.2MHz** internazzjonalment. Wieħed jista' jgħid li l-istazzjonijiet tax-xandir telqu minn bejn is-**7.1MHz** sa **7.2MHz**, imma jekk wieħed jissemma fuq **7.165MHz** u xi minn daqqiet fuq **7.175MHz** jisma' ħafna ħsejjes.

Dan ma huwa ħadd ħlief **Radju Etjopja** li qiegħd jiġġammja l-istazzjon **Leħen il-Mases Wiesha** mill-**Eritrea** fuq **7.165MHz**. L-**Etjopja** tiġġammja trasmissjonijiet oħra bl-**Aramajk** minn stazzjonijiet oħra, bħala eżempju id-**Deutsche Welle**, fuq il-**11MHz** u **15MHz**.

It-trasmissjonijiet huma wiesha bejn **10kHz** sa **16il-kHz** waqt li s-sena l-oħra l-**Etjopja** niediet 3 jew 4 trasmettituri ġodda li xi wħud minnhom qed jintużaw biex jiġġammjaw trasmissjonijijiet minn stazzjonijiet oħra.

Dan juri kif ġewwa dawn il-pajjiżi hemm liġi tal-ġungla u ma jirrispettawx deċiżjonijiet internazzjonali għaliex l-ewwel nett dawn il-frekwenzi huma allokati internazzjonalment lid-dilettanti tar-radju u dawn il-pajjiżi xorta jużawhom waqt li l-oħrajn ma jridux lil ħaddieħor jitrasmetti informazzjoni lejn inħawi li huma ma jixtiequhomx jirċievu informazzjoni.

Lawrence
9H1AV/9H9MHR

Attivitajiet

Grupp tal-Yahoo

Oqgħodu attenti u idħlu fil-grupp tal-yahoo ħalli tkunu nfurmati sewwa bl-aħħar attivitajiet li nkunu se nagħmlu.

Lawrence
9H1AV/9H9MHR